**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 21 ta' Jannar 2025**

**Rikors Numru 302/2023**

**Michael Mercieca (KI 460251M); Marianne armla minn Carmelo sive Charles Zerafa (K.I. 650155M)**

**Vs**

**Emmanuel Magri (K.I.694552M);**
**L-Awtorita' tad-Djar (bħala *amicus curiae*) u b'digriet tas-27 ta' Mejju 2024 ġiet kjamata in kawża Doris Magri**

Il-Bord,

Ra r-Rikors ippreżentat minn **Michael Mercieca u Marianne armla minn Carmelo sive Charles Zerafa** fis-26 ta' Mejju, 2023 li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

*1. Illi r-rikorrenti huma l-propjetarji tal-fond urban ossia appartament bin-numru wiehed (1), gewwa blokk ta' zewg appartamenti bl-isem ta' 'St.Michael' gewwa Triq il-Qawsalla, L-Imsida.*

*2. Illi r-rikorrenti qieghdin jikru l-imsemmija propjeta' lill-intimat Emmanuel Magri u dana fl-ammont ta' mitejn u sitta u ghoxrin ewro u hamsa u sebghin centezmu pagabbli kull tlett (3) xhur u b'hekk fis-somma ta' disa mija u seba' ewro (€907.00c) fis-sena.*

*3. Illi r-rikorrenti jixtiequ jezercitaw d-drittijiet taghhom hekk kif stipulati skond l-Att XXIV tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) u dana billi l-Onorabbli Bord joghgbu sabiex jordna z-zieda fil-hlas tal-ammont tal-kera u dana anke waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri odjerni.*

*4. Illi r-rikorrenti ma humiex f'posizzjoni li jiddeterminaw l-mezzi ta' Emmanuel Magri u ghalhekk ikun idoneju illi dan l-Onorabbli Bord jordna li jsir test tal-mezzi fil-konfront tal-intimat fuq il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tieghu. F'kaz illi t-test tal-mezzi tal-intimat tirrizulta fin-negattiv dan il-Bord ghandhu jghaddi sabiex japplika l-artikolu 12B et. seq. tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta permezz tal-istess Att XXIV tas-sena 2021.*

*5. Illi jekk ikun il-kaz fejn l-intimat jissodisfa l-kriterji tal-mezzi stipulati, ir-rikorrenti ghandhom d-dritt skont il-ligi ai termini tal-artikolu 12B tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta, li jitolbu sabiex il-kera annwali pagabbli mill-intimat Emmanuel Magri (€907.00c fis-sena) tigi riveduta b'mod sostanzjuz.*

*6. Illi ghalhekk il-fond in kwistjoni ghandhu jigi valutat bhala liberu u frank fis-suq miftuh tas-sena korrenti minn meta tigi prezentata dan ir-rikors sabiex dan l-Onorabbli Bord joghgbu jistabilixxi l-kera xieraq li ma ghandhux jaccedi l-istima ta' tnejn fil-mija (2%) tal-valur liberu u frank kif ukoll jiddetermina c-cirkostanzi kondizzjonali u fattwali godda fir-rigward tal-kirja. Partikolarment u fattwalment dan ghandhu jsir ukoll billi tiddetermina jekk l-intimat qatt kellhu lil xi hadd jew membri tal-familji tieghu li kienu jghixu mieghu u li konsegwentement ma hemm hadd li jista' jkompli l-kirja wara li jigi nieqes hu.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord tal-Kera joghgobha:*

1. *Jiddetermina jekk l-intimat Emmanuel Magri jghaddix mit-test tal-mezzi hekk kif stipulati skont l-Att XXIV tas-sena 2021.*

2. *Jiddetermina illi f'kaz negattiv li l-intimat ma jghaddix minn dan it-test, l-Bord jaghti dawk l-ordnijiet necessarji u opportuni sabiex l-intimat jizgombra mill-imsemmi fond wara li jaghti perjodu ta' mhux iktar minn sentejn (2) lill-intimat ghal dan l-iskop u wara li jistabbilixxi l-kumpens xieraq ghal perjodu pagabbli lir-rikorrenti.*

3. *Jiddetermina illi f'kaz fejn l-intimat jissodisfa l-kriterji tal-assi u kapital kif imsemmi mill-istess Att XXIV 2021, l-istess Onorabbli Bord jiffissa l-kera xieraq hekk kif provdut skont l-Artikolu 12B tal-istess Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta billi jigi stabbilit il-valur liberu u frank fis-suq miftuh tal-fond de quo okkorrendo b'nomina ta' perit tekniku mill-istess Onorabbli Bord u dana sabiex jigi stabbilizzat il-kera xieraq sa mhux iktar mill-massimu ta' tnejn fil-mija (2%) abbazi l-valur fattwali mill-1 ta' Jannar 2023.*

4. *Jordna sabiex iz-zieda ghal tali kera tkun applikabbli mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors hekk kif stipulat skont il-ligi b'riserva illi jekk ikun il-kaz, l-*

*istess rikorrenti jkunu jistghu jitolbu kwalsiasi awment iehor fir-rata tal-kera u/jew kwalsiasi tibdil iehor fil-kundizzjonijiet li jirregolaw il-kirjiet.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` tad-Djar** ippreżentata fit-23 ta' Awwissu, 2023 li permezz tagħha ddikjarat is-segwenti:-

*Illi l-atturi iridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-tal-kera tal-fond de quo. L-atturi ukoll ghandhom jipproducu u jesebixxu d-dikjarazzjonijiet causa mortis tad-defunti awturi taghhom jekk dan il-fond gie ghand l-atturi b' wirt, jew kopja tal-kuntratt jekk gie akkwistat inter vivos..*

*Illi qabel xejn dan il-bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 ghandux jigi applikat ghal dan il-kaz.*

*Illi l-Awtorita` tad-Djar giet notifikata f' din il-kawza bhala intervenuta fil-kawza a bazi tal-Att XXIV tal-2021; allura ukoll l-Awtorita` tad-Djar ghandha id-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala intervenuta fil-kawza. U ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar anke f' dan il-kaz ma ghandiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.*

*Illi il-Periti mahtura bil-ligi ghandhom jaghtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuh imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih isir ir-rikors. Mela il-valur irid isir tal-fond li hemm kif qed jigi mikri u mhux kif jista' jigi sviluppat. Kieku ried hekk il-legislatur kien jghid hekk.*

*Illi jigi rilevat li f' kaz li l-inkwilin tissoddisfa it-test tal-mezzi impost bil-ligi allura il-kera ghandha tigi fissata f' ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjeta u dan skont l-Art 4A tal-Kap 69, jew Art 12B tal-Kap 158.*

*Intant qed jigi anness Dok HA1 li jindika il-mod kif l-Awtorita` tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil minn ikun jikkwalifika. Ghal iktar informazzjoni wiehed jista' jidhol fuq: [https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx](https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx)*

*Illi jigi rilevat li l-inkwilin tkun tista' tibbenefika minn skema ta' sussidju tal-kera jekk tikkwalifika skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema – fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilin trid tkun qed tabita fil-fond bhala residenza ordinarja taghha.*

*Tant ghall-eghref gudizzju ta' dana l-Bord.*

Ra r-risposta ta' **Emmanuel Magri** ippreżentata fil-31 ta' Awwissu, 2023 li permezz tagħha eċċepixxa is-segwenti:

*1. Illi, fl-ewwel lok, jigi sottomess illi fil-fond fl-indirizz 1, St Michael fi Triq il-Qawsalla gewwa l-Imsida, oltre l-esponent, tabita wkoll martu Doris Magri*

*detentrici tal-karta tal-identita` numru 259255M, u ghalhekk biex l-atti jkunu integri hija ghandha tigi kkjamata fil-proceduri odjerni;*

*2. Illi fil-mertu, l-esponent flimkien ma' martu ċertament illi jissodisfaw bis-sħiħ il-kriterji tat-test tal-mezzi stabbiliti fil-liġi kif ibbażati fuq id-dħul u il-kapital taghhom fil-perjodu relattiv u certament ghalhekk li t-tieni talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontrihom;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba dan l-Onorabbli Bord joġgħbu jistabbilixxi kera ai termini tal-Att XXIV tal-2021, huwa għandu jqis il-fatturi kollha fil-liġi, flimkien ma' fatturi oħra, fost l-oħrajn, l-eta' tal-esponent u martu, il-benefikati illi huma għamlu fil-fond, et cetera, biex b'hekk kwalunkwe kera riveduta tkun fl-inqas ammonti permessi mil-Liġi, u għandha tizdied gradwalment. Dan qiegħed jingħad l-aktar għaliex il-pożizzjoni finanzjara tal-intimati hija tali illi lanqas tippermettilhom iħallsu l-massimu tal-persentaġġ mill-valur tas-suq stabbilit fl-istess sub-artikolu;*

***4. Illi għalhekk l-esponenti umilment iħossu li dan il-Bord għandu jasal għal dan mingħajr ma jasal sabiex skont il-liġi jordna li l-esponent u martu jivvakaw l-imsemmi fond wara t-terminu ta' sentejn stipulat mil-liġi li hija biss miżura estrema ħafna kkontemplata fil-liġi li ġiet introdotta fl-Att Numru XXIV tas-sena 2021**;*

*5. Illi assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, u f'kaz biss illi dana l-Bord isib a favur tar-rikorrenti u jiddeċiedi li l-esponent u martu għandhom jivvakaw il-fond jew f'kaz illi l-kera li tiġi iffissata minn dana l-Bord tkun tali li ma tkunx tista' tiġi mħallsa mill-esponent u martu, l-Awtorita' tad-Djar illi qiegħda tiġi mħarka f'dawn il-proċeduri għandha tassistihom kemm sabiex ihallsu l-kera hekk awmentata u kemm sabiex isibu residenza alternattiva;*

*6. Illi l-esponenti jistqarr li fi kwalunkwe kaz, il-posizzjoni tagħhom hija waħda ta' bla ħtija, u jekk xi ħadd għandu jwieġeb għal kwalunkwe reviżjoni fl-ammont tal-kera li joġgħbu jordna dan l-Onorabbli Bord, huwa il-Gvern inkella l-Awtorita' tad-Djar kif delegata fl-irwol tagħha;*

Ra illi permezz ta' digriet datat 27 ta' Mejju, 2024 ġiet kjamata in kawża mart l-intimat Doris Magri fejn Dr. Rodianne Sciberras tat ruħha b'notifikata bl-atti preżentati għan-nom tal-kjamata in kawża u għamlet tagħha r-risposta ta' Emmanuel Magri ppreżentata fil-31 ta' Awwissu, 2023.[1]

[1] Fol. 43.

Ra n-Nota Ġuramentata tal-intimat u tal-kjamata in kawża ppreżentata fis-27 ta' Mejju, 2024[2] li flimkien magħha ġew ppreżentati diversi dokumenti;

Ra r-rapport tal-Membri Tekniċi tal-Bord;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra illi dan ir-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi dokumentarji prodotti jirriżulta illi r-rikorrenti jikru l-appartament numru 1, St. Michael, Triq il-Qawsalla, l-Imsida lill-intimat u lill-kjamat in kawża.

Illi fl-ewwel lok, l-Awtorita` tad-Djar talbet li r-rikorrenti jridu jġibu prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond odjern. Fil-fehma tal-Bord din il-prova ġiet sodisfatta bid-dokumenti esebiti mar-rikors promutur li qatt ma ġew kontradetti. Filwaqt illi il-Bord jinnota illi r-rikorrenti esebew dokumenti fotokopja mar-rikors promutur sabiex jippruvaw t-titolu tagħhom ma jirriżultax illi l-intimat, il-kjamata in kawża jew l-Awtorita` tad-Djar, ikkontestaw l-awtentiċita' tad-dokumenti minkejja illi huma fotokopja. Il-Bord għaldaqstant huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond in kwistjoni.[3]

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-intimat u l-kjamata in kawża pproduċew prova tad-dħul u tal-assi tagħhom.

Illi skont Regolament 2 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11, sabiex inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi irid jissodisfa kemm il-kriterju tad- dħul u kif ukoll il-kriterju tal-kapital fil-limiti stabbiliti fl-istess Regolamenti.

Il-Bord jinnota illi filwaqt li ma ġiex esebit ċertifikat tat-twelid tal-intimat u tal-kjamata in kawża, seta' jevalwa mill-Karta tal-Identita' tal-intimat Emanuel Magri illi huwa twieled f'1952 u għalhekk meta infetħet il-kawża huwa kellu wieħed u sebgħin (71) sena filwaqt illi il-kjamata in kawża Doris Magri twieldet fl-1955 u għaldaqstant meta nfetħet il-kawża hija kellha tmienja u sittin (68) sena.

---

[2] Fol. 45 u 46.

[3] Ara **Anthony Darmanin vs L-Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Marzu 2024; **Mary Bonnici vs Anthony Farrugia et** Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) 16 ta' Ġunju 2017.

Fir-rigward tal-livell ta' dħul, persuna li li jkollha bejn sitta u sittin (66) sa ħamsa u sebgħin (75) sena tissodisfa l-kriterju tad-dħul tat-test tal-mezzi jekk id-dħul matul il-perjodu rilevanti ma jeċċedix is-sitta u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€46,500).[4]

Fir-rigward tal-livell ta' kapital, persuna li jkollha bejn sitta u sittin (66) sena sa ħamsa u sebgħin (75) sena, biex tissodisfa t-test tal-kapital, l-istess kapital ma jridx jeċċedi l-mitejn u ħamsa u erbgħin elf ewro (€245,000) għall-perjodu rilevanti.[5]

Illi skont Regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11, fil-kalkolu tal-kapital għandu jitqies il-valur ta' kull proprjeta` immobbli li tkun tappartjeni għal kollox lill-inkwilin jekk ikollu l-pussess vakanti tal-istess proprjeta`, flus depożitati f'bank li jistgħu jinġibdu b'avviż ta' inqas minn tliet xhur, flus kontanti, depożiti għal perjodu ta' żmien, *bonds*, *stocks*, sigurtajiet u kull strument finanzjarju jew prodott finanzjarju ieħor.

In oltre, ai termini tar-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11, fil-każ li l-kerrej ikun miżżewweġ, it-test tal-mezzi għandu jinkludi d-dħul u l-kapital tal-konjuġi konġuntivament.

Illi l-Bord ħa konjizzjoni tal-*EU Disability Card* maħruġa mis-CRPD fir-rigward tal-intimat. Illi skont Regolament 5 (8) u Regolament 6 (7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 f'każ li inkwilin ikollu diżabilita`, il-Bord għandu l-jedd li jiffissa livell ta' dħul u kapital ogħla minn dawk imsemmija iktar 'il fuq meta t-tip ta' diżabilità titqies bħala waħda ta' xorta serja.

Illi pero` fil-fehma tal-Bord, l-intimat naqas li jipprova l-gravita` tad-diżabilita` li jsoffri minnha. Għaldaqstant il-Bord ser jgħaddi biex jeżamina jekk l-intimat u l-kjamata in kawża jikkwalifikawx jew le abbażi tal-kriterji ta' dħul u kapital skont l-eta' tagħhom.

Illi minn eżami li għamel il-Bord tad-dokumenti esebiti, inkluż dawk bankarji, ma jirriżultax illi l-intimat u l-kjamata in kawża jaqbżu l-ammonti ta' dħul u kapital imsemmija hawn fuq u kwindi jissodisfaw il-kriterji tad-

---

[4] Ai termini ta' Regolament 3 (a) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għad-dħul bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena li jiġi intavolat fih ir-rikors abbażi tal-Artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-Artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar.

[5] Ai termini ta' Regolament 3 (b) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għall-kapital kif ikun fl-1 ta' Jannar, 2021, jew ħames (5) snin qabel ma jiġi intavolat rikors quddiem il-Bord li jirregola l-Kera abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, skont liema data tiġi l-ewwel.

dħul u kapital tat-test tal-mezzi. Għalhekk il-Bord irid jgħaddi biex jiddetermina kemm għandha togħla l-kera.

Illi skont l-istima tal-Membri Tekniċi tal-Bord il-fond in kwistjoni għandu valur fis-suq liberu u frank ta' mitejn u sittin elf ewro (€260,000).

Illi l-leġislatur ħalla f'idejn dan il-Bord biex jawmenta l-kera sa massimu ta' tnejn fil-mija (2%) pero` mingħajr ma ta l-ebda linji gwida kif għandu jsir dan l-awment. Għalhekk il-Bord irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha ppreżentati quddiemu u jasal għal persentaġġ li fil-fehma tiegħu ikun ġust. Illi filwaqt li min-naħa waħda l-Bord għandu quddiemu intimat u kjamata in kawża li skont mill-informazzjoni pprovduta, m'għandhomx xi mezzi sostanzjali, min-naħa l-oħra hemm sidien li ma jistgħux jiddisponu kif irridu mill-proprjeta' tagħhom.

Illi dan il-Bord huwa konxju tal-għadd ta' sentenzi kostituzzjonali ppronunzjati favur is-sidien ta' fondi suġġetti għal kirja regolata bil-Kapitolu 158 qabel dan ġie emendat bl-Att XXVII tal-2018, u fejn ġie dikjarat li ġie leż id-dritt tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta`. Għalhekk dan il-Bord huwa tal-fehma illi jrid joħloq bilanċ ġust bejn id-dritt tas-sid li jieħu frott mill-proprjeta` tiegħu u d-dritt tal-inkwilin li jkompli fit-tgawdija tal-fond fejn jgħix. Il-Bord jirrileva li huwa wkoll konsapevoli tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fejn id-direzzjoni hija li l-awment għandu jkun lejn il-massimu iktar milli lejn il-minimu.[3]

Illi l-Bord huwa wkoll konsapevoli tal-għajnuna li tista' tingħata lill-inkwilini f'każijiet ta' awment ta' kera ta' kirjiet protetti skont il-proċedura stabbilita mill-Awtorita` tad-Djar u kif muri fid-dokument esebit mill-Awtorita` mar-risposta tagħha. Di fatti fil-kawża fl-ismijiet **Maria Pintley vs L-Avukat tal-Istat et**[4], il-Qorti Kostituzzjonali meta trattat dwar l-Artikolu 12B tal-Kapitolu 158[6] tenniet:

*"22. Dan apparti li m'hemm xejn x'iżomm lill-Bord milli jiffissa r-rata ta' kera viċin ta' 2% tal-valur tal-fond meta jqis l-iskema li introduċa l-Gvern għas-sussidju tal-kera f'residenzi mikrija qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, u li biha jkopri l-parti l-kbira tal-awment fil-kera (ara f'dan ir-rigward sentenza ta' din il-Qorti,* ***Lorenza Zarb v.***

[6] L-Artikolu 12B kien ġie introdott bl-Att XXVII tal-2018 sabiex ikun hemm mekkaniżmu biex tiġi miżjuda l-kera taħt il-Kapitolu 158 u sabiex tingħata protezzjoni biss lil min jikkwalifika għat-test tal-mezzi.

***Carmelo Caruana** et tat-30 ta' Ġunju, 2021, kif ukoll tagħrif dwar l-iskema fil-website tal-Awtorita` tad-Djar)"*[7]

Illi l-Bord ha konjizzjoni tal-fatt illi l-intimat u l-kjamata in kawża eċċepew illi huma għamlu diversi benefikati. Madanakollu dan il-Bord ma jħossx illi ai fini ta' din il-kawża tali benefikati, jekk saru, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni u dana għaliex kienu l-istess intimat u kjamata in kawża li proprju bbenefikaw u gawdew mill-istess.

Illi, għalhekk, wara li l-Bord qies il-ġurisprudenza li żviluppat dawn l-aħħar snin, il-valur tal-fond in kwistjoni, il-mezzi tal-inkwilini u l-interessi tas-sidien, huwa tal-fehma illi jkun ġust li l-kera tal-fond in kwistjoni togħla bi 2% tal-valur tal-fond kif stmat mill-Membri Tekniċi tal-Bord. Għaldaqstant il-kirja awmentata għandha tkun ta' ħamest elef u mitejn ewro (€5,200) fis-sena.

Illi fl-aħħarnett il-Bord jinnota li r-rikorrenti talbu l-awment tal-kera b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern. Illi dan il-Bord ma jaqbilx illi l-awment għandu jiġi ordnat mid-data indikata mir-rikorrenti u huwa tal-fehma illi l-awment fil-kera għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u dan anke in linea ma' dak deċiż mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Alessandra Radmilli vs Marion Pace Bonello et.**[8]

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Bord jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet tal-intimat u tal-kjamata in kawża billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u li jiddikjara li l-intimat Emmanuel Magri u l-kjamata in kawża Doris Magri jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;
2. Jiċħad it-tieni talba u għalhekk jilqa' r-raba' eċċezzjoni;
3. Jilqa' t-tielet talba u jiddikjara u jiddeċiedi li ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, l-kera tal- appartament numru 1, St. Michael, Triq il-Qawsalla, l-Imsida qiegħda tiġi riveduta għall-ammont ta' ħamest elef u mitejn ewro (€5,200) fis-sena pagabbli mid-data ta' din is-sentenza, kull sitt (6) xhur bil-quddiem;
4. Jiċħad ir-raba talba;

---

[7] *Fil-każ ta' pensjonanti u nies li jgħixu bil-benefiċċju soċjali jkopri l-awment sa massimu ta' €10,000 fis-sena, filwaqt li fil-każ ta' min jaħdem bi qligħ id-differenza bejn 25% tal-qligħ u l-kera stabbilita mill-Bord sa massimu ta' €10,000.*

[8] Deċiża fis-17 ta' Frar 2021.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimat u tal-kjamata in kawża sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak deċiż hawn fuq;

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

---

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**